# IS-SULDAT

Stenbaħt minn raqda twila,
U sibt li dak in-nhar,
—F'dik l-għodwa tar-rebbiegħa—
Kelli nitlaq mid-dar.

Ħarist ħarsa lejn marti,
U rajt id-dmugħ f'għajnejha;
Mill-bogħod ħarist urajja
U lmaħtha tgħolli idejha;

U l-leħen t'ibni ċkejken
Smajtu jidwi fil-bogħod,
Kull meta jsemmi ismi
F'qasma ta' qalb jirtogħod.

Ħassejt l-imħabba tikbes:
Ma stajtx insib mistrieħ.
"Arġa' dur lura," qaltli,
"Ħaddan 'l ibnek sabiħ.

"Ara x'ser titlef! Ftakar
Fid-dmugħ ta' dawk it-tnejn."
Waqaft mill-mixi, mħasseb,
Sibt ruħi bejn ħaltejn.

Użint fuq keffa waħda
L-imħabba lejn id-dar,
Il-keffa l-oħra għabbejtha
Bil-fehma ta' l-azzar:

Il-fehma li fuq Malta
L-għadu ma jirfes qatt,
L-għadu tal-qerq u l-jasar,
L-għadu li f'demmi bgħadt.

"Imxi 'l quddiem, u sehmek
Wettaq għal Malta tiegħek.
Għall-ġieħ ta' art twelidek
Ħaddem l-egħruq ta' driegħek."

Mal-ħsieb, 'il fuq għajnejja
Għollejt u f'qalbi bkejt,
Kif stajt ninsa l-imħabba
Ta' dawk li d-dar ħallejt?

U tlabt: Mulej, għallimni
Kif nimxi tul it-triq
Li mmut għall-ħaqq w għassewwa
F'dinja ta' mrar w għollieq.

Ħassejt sejħa ċċanfarni:
Triqtek, imxi 'l quddiem,
U ssieħeb fit-taqbida
Bla biża'... u bla kliem.

* * *

Għaddew ix-xhur bħal berqa,
Mimlija ġlied u demm,
Rajt ħbieb miġruħa jmutu,
Rajt ħerba, ħsara w hemm.

Għadni niftakar, darba,
Qabel ma raxx id-dlam,
Minn sema kollu mimli
Bi sħab qisu tar-rħam,

Niżlu bħal driebes mgħaddba,
Fost ħsejjes u twerdin,
Fost ġenn, għajat u diwi,
Tisfir, tfaqqigħ, tvenvin,

Qtajjiet ta' ajruplani,
Tliet mija kienu ġew,
Bħal sħaba ġradi suwed
Minn fuq irjusna għaddew.

"In-Nar!"—Ma' l-amar f'daq-
Infetaħ l-isparar, qa
"In-Nar! In-Nar!" Bħal ragħda
Ġriet ħin bla waqt mad-dwar.

Mill-għoli lmaħna riesqa
Bħal tikek fis-smewwiet,
Li bdew neżlin u jikbru,
Jinħbew bejn xi sħabiet:

Kull fejn indawru ħsiebna,
Kull fejn il-ħarsa tmur,
Bejn roqgħa sħab u oħra
Tilmaħ il-Mewt iddur.

Konna mfawrin bil-qilla,
Ma nafx ingħid għaliex
Ta' biża' jew ta' lewma
Hsieb wieħed ma għaddiex.

Bil-kliem qawwejna qalbna,
Kliem mimli ħeġġa w nar,
"Żomm sħiħ! Uri l'int Malti
Mill-aqwa w mill-aħjar!"

F'dik it-taħbila kollha
Minn ħsiebi għadda ħsieb:
L-Imgħoddi deher quddiemi
Qisu mitbugħ ġo ktieb.

Ftakart fil-ħajja hienja,
X'ħin jaqa' d-dlam, u jien
Nerġa' mix-xogħol għal dari,
Ferħan għalkemm għajjien.

Ftakart fl-għajnejn li kienu
Jilqgħuni barra t-triq,
Sbieħ daqs id-dawl li jixgħel
Fis-sema maż-żernieq.

L-Imgħoddi qisu f'mera
Rajtu fi ħsiebi ħaj:
Tfuliti, rajt, imħeġġa,
Bla djieq u mingħajr raj.

U dellijiet ta' ħbiebi
Li ndifnu f'ġuf iż-żmien,
Fil-ġenn ta' dik is-siegħa
Naħlef li lmaħthom jien.

F'kemm trodd salib, żgħużiti
Reġgħet, ferrieħa, miegħi,
Bin-nida ta' l-imħabba
Fid-dawl tal-Fakra tiegħi.

Quddiem dik it-theddida
Tal-Mewt fuq rasi tħuf,
F'ibni ftakart, u f'marti,
U kollox rajt mitluf.

Mitluf iż-żmien li għadda,
Mitluf iż-żmien li ġej,
Il-ħajja għalija ngħalqet,
Sabiħ ma fadal xej'.

'Ma leħen kbir widdibni:
"Li ġej ma tafx xinhu,
Għax Alla s-sid: tal-Hajja
It-tmun imexxih Hu.

"L-hena wid-dwejjaq tiegħ-
Kollox qiegħed f'idejh; ek,
Xħin jaħkem id-dlam fuqek
Fittex id-dawl t'għajnejh."

Hoss kbir qajjimni f'daqqa
Minn dawn il-ħsebijiet,
U sibna ruħna mdawra
F'daħna ta' trabijiet.

Tisfira wara l-oħra,
Bombi f'kotra neżlin,
Bħax-xita bl-għama mwaddba
Mill-għoli mitluqin.

Fil-ħajta dawl li baqa'
Dehru jleqqu w jilmaw,
Il-lewn tal-fidda ħadu
Huma w neżlin 'il haw'!

Tregħid, ħsejjes li jkexkxu,
Qirda madwarna w ħsara,
L-art donnha trid tinfetaħ,
Ħajjitna mdendla f xagħra.

Rajt qabda ajruplani
Jitqabdu fuqna sew,
Egħfiered kbar imġewnħa
Bil-waħx l-ajru jimlew.

Ħassejna qalbna ttaqtaq,
Mhux bil-biża' jew bl-hemm,
'Ma b'ħeġġa li r-ruħ timla
B'kilba ta' ġlied u demm.

B'rieda mill-isħaħ ħdimna
Ilkoll, flimkien, id f'id:
Minn ħalq il-kanun tagħna
Nar ħareġ, u ħadid.

Kienet għajta ta' qilla,
Ta' sfida w ta' mibegħda:
Kanuni jfaqqgħu w jagħtu
Kull ħin, kull waqt, bla heda.

Kobob ta' duħħan abjad
Qishom tajjar miftuħ,
Dehru fl-ikħal tas-sema
Fejn kien is-sħab maqtugħ.

Kif fuq il-priża jinżel
Seqer bil-ġuħ, għatxien
Għad-demm tad-debħa tiegħu,
Hekk, kiefer u ħajjien,

Inxeħet l-għadu fuqna,
Mewġ mewġ fil-wesgħa jżiġġ,
Jofroq bil-ħeffa l-beraħ,
Jinħeba w jerġa' jfiġġ.

Tkarwit ta' makni jagħtu,
Twerdin fil-bogħod, fil-qrib,
Tħoss demmek jiksaħ miegħek,
Miblugħ f'dak it-tiġrib.

Ma' kull bomba li taqa'
Tgħaddi tregħida bard,
Timla bit-tisfir l-ajru,
Bil-biża' tiksi l-art.

Imsaħħa taħt il-fehma
Li nżommu dejjem sħiħ,
U, la hemm bżonn, immutu
F'kawża ta' ħaqq u ġieħ,

La ġenn u lanqas biża',
La ħjiel ta' xi twerwir,
Ma mewwet fina s-sejħa
Li jitlob minna d-dmir.

Dak kien jum kbir għalina,
Tliet mija kienu ġew:
L-imwiet fl-azzar moħbija
Ħsarat u ġuħ ħallew.

Sħabi bla sabar kollha
Ħadmu kemm felħu w taw,
Fuq fommhom isem Malta
Issieltu w isparaw.

Żagħżugħ mibrum u mimli,
Biża' qatt m'għamel bih,
B'għamilu 'l kulħadd ħeġġeġ,
Ħabrek u ħadem sħiħ,

Xħin bomba li ġiet qribna
Firditna minn xulxin,
Fi sħab ta' trab u għabra
Ġejna f'daqqa mkeffnin.

Maqtugħ f'dik it-tkexkixa
Ta' bejn il-mewt u l-ħajja,
Ma smajtx il-krib u l-biki
Li kien ġej minn urajja.

'Ma xħin stejqint, u ħilti
Għamilt u mxejt xi ftit,
Feġġet quddiemi dehra
Ta' dmija w ta' tiċrit.

Hemm kien fl-aħħar ta' ħajtu
Imxarrab fid-demm sħun,
Dak iż-żagħżugħ qalbieni
Imqabbad mal-kanun.

Tefa' f'għajnejja ħarstu
Xħin ħassni fejnu rsaqt,
U tniehed l-aħħar kelma:
"Se mmut kif tlabt u xtaqt".

Il-lejl kien qiegħed joqrob,
U d-dlam iroxx mad-dwar,
Bħalkieku biex ikeffen
Dil-ġrajja ġewwa star.

Il-ħsejjes naqsu u mietu,
Mill-ġlied donnhom xebgħana,
Riħa ta' polvri baqgħet
Iddur bla hedu magħna.

U dak iż-żagħżugħ rajtu
Fir raqda tal-mistrieħ,
Kellu fuq fommu sieket
Tbissima ta' rebbieħ.

Dak kien jum kbir għalina:
Tliet mija kienu ġew;
Kemm minnhom reġgħu lura?
Emmnuni, ma nafx sew.

Naf: meta s sebħ tal-għada
Xtered fuq il-ħolqien,
Kixef dehriet li jwaħħxu
Ta' ħerba kullimkien.

Ħerba fl-egħlieqi, r-raba',
Ħerba fl-irħula w bliet,
Ħerba fid-djar, ġo l-oqsma,
Fejn l-id tal-mewt għaddiet.

Ħsiebi mar f'marti w f'ibni,
U qbadt lejn dari t-triq,
Bħal qtigħ ta' qalb qabadni,
Ħassejtni fuq ix-xwiek.

Ma bżajtx xħin rajt fuq wiċċi
Il-Mewt bil-minġel f'idha,
Bi ħsieb mir rieda mħarrax
Ilqajt dik it-theddida;

Imma rebaħni l-biża'
W rajtu jitwal il-ħin,
Xħin kont lejn dari sejjer,
Kull siegħa rajtha snin.

F'kull triq mnejn kont ingħaddi,
Dehriet ta' ħasra rajt,
Ħamba, taħwid u għagħa,
Ilħna ta' niket smajt:

Familji sħaħ imwerwra
Li sfaw bla kenn u lbies,
M'għandhomx fejn jagħtu rashom,
Donnhom tilfu kull jies.

Nisa jqandlu b'uliedhom,
Mitluqa w imqattgħin,
L-irġiel jaħdmu u jġorru,
Kulħadd, kif jista', jgħin.

Fejn kien hemm djar u bini
Il-lum sar borġ ta' waħx,
Il-ġid li l-missier faddal
B'għajnejh iżjed ma rahx.

Smajt min jisħet lill-għadu,
U rajt uċuh magħdura,
Kulħadd b'ferħ ta' ġenn fuqu,
Il-qalb fl-uġigħ magħsura.

Fl-għajnejn rajt qilla w għadab,
Ħlif ta' mibegħda w ġenn,
Smajt min bi kliemu jsabbar,
Rajt min b'għamilu jħenn.

Imma kemm tlabt bil-ħerqa,
U 'l Alla ħajr iżżejt,
Xħin wara dik il-'mixja'
Riġlejja d-dar middejt,

W erġajt rajt it-tbissima,
W għajnejn b'leħħiet ta' xrar,
U l-ferħ ġarrabt u l-hena
Li ssibhom biss fid-dar.

Smajt leħen ibni ċkejken
Isejjaħ ismi : "Pa !"
Rajtu jixxabbat miegħi
U b'daħka jgħidli: "Ħa!"

Fil-pront jagħtini bewsa,
Għajnejh tbissmu ħelwin,
Għannaqni miegħu w biesni
Il-bewsa taċ-ċkejknin.

15-16/5/'43.

F'dal-waqt ta' mħabba,emm-
nuni,
Insejt il-ħasra u d-dmugħ,
Insejt, għal ftit, il-ġrajja
Kif miet dak iż-żagħżugħ.

Xtaqt b'saħħti w b'ħilti kol-
lha
Li jfiġġ fuq Malta ż-żmien
Tal-Paċi li ġġib magħha
Il-Għaqda wil-Ħelsien.

Ġużè Chetcuti